

Pubblikazzjoni ta' Avviż ta' Post Battal

Assistent għad-Direttur

Ref: TA-ASTDIR-AD6-2019

PROFIL TAL-IMPJIEG

1. Qafas tal-Impjieg

Titolu tal-Impjieg:	Assistent għad-Direttur
Post tal-Impjieg:	Vjenna, L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
Qasam ta' attività:	Uffiċċju tad-Direttur
Grad:	AD6
Status:	Aġent Temporanju

2. Il-Kontenut tal-Impjieg

Ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tad-Direttur hi li jiggwida u jimmaniġġja l-Aġenzija, filwaqt li jiżgura li l-oġettivi u l-kompiti relatati tiegħu, stabbiliti fir-Regolament ta' stabbiliment, jinkisbu b'mod effiċjenti u effettiv u skont id-direzzjoni mogħtija mill-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija.

Id-detentur tax-xogħol jaħdem taħt is-superviżjoni tad-Direttur u jassistih fit-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija.

Funzjonijiet u Kompiti:

Ir-responsabbiltajiet tad-detentur tax-xogħol se jkunu kif ġej:

- Koordinazzjoni tal-Uffiċċju tad-Direttur: Jiżviluppa, jimplimenta u jissorvelja l-flussi tax-xogħol kollha fl-Uffiċċju tad-Direttur u jiżgura l-ippjanar f'waqtu, l-implimentazzjoni effettiva u s-segwitu tal-attivitajiet kollha li jinvolvu d-Direttur; jiżgura li l-kompiti kollha fl-Uffiċċju tad-Direttur jitlestew fi skedi ta' żmien miftiehma;
- Prijoritajiet ta' ppjanar u monitoraġġ: Jassisti lid-Direttur fit-twaqqif u l-immaniġġjar tal-prijoritajiet interni; jiprijoritizza u jsolvi b'mod effettiv il-kunflitti relatati u t-talbiet li jikkompetu; jimmonitorja diversi attivitajiet madwar

L-Aġenzija u jinforma b'mod proattiv lid-Direttur dwar riskji potenzjali; u, f'koordinazzjoni mat-Tim ta' Tmexxija, jiżgura li d-deċiżjonijiet tad-Direttur jitwasslu u jitwettqu kif suppost;

- Tfejjiha tad-dossiers tad-Direttur għall-aġenda tiegħu/tagħha: Jikkoordina l-kontributi sostantivi mill-Unitajiet rilevanti għal-laqgħat interni u esterni tad-Direttur; jistabbilixxi skadenzi xierqa u jżomm rekord tal-progress biex jiżgura t-tfejjiha f'waqtha tad-Direttur għall-impenji interni u esterni kollha tiegħu;
- Komunikazzjoni: Jipprepara punti għad-diskorsi għall-impenni interni u esterni tad-Direttur; abbozz ta' komunikazzjonijiet dwar l-attivitajiet tad-Direttur għall-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija u r-rapporti interni jew esterni, inkluż ir-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija u r-Rapport tad-Direttur lill-Bord ta' Tmexxija;
- Korrispondenza: Jabbozza u jikkoordina korrispondenza interna u esterna ta' livell għoli mal-partijiet interessati tal-Aġenzija kif meħtieġ mid-Direttur, billi jiżgura tweġibiet fil-pront u fil-ħin;
- Laqgħat: Jipparteċipa f'laqgħat u/jew avvenimenti interni u esterni, ifassal minuti u rapporti tal-laqgħat kif meħtieġ mid-Direttur, jiżgura segwitu xieraq tal-punti ta' azzjoni miftiehma u l-impenji magħmula;
- Ġestjoni tad-dokumenti: Iżomm sistemi ta' ġestjoni ta' dokumenti fiżiċi u elettroniċi u bażi tad-data tal-kuntatt u jiżgura l-konformità tal-Uffiċċju tad-Direttur mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data;
- Twettiq ta' kwalunkwe kompitu ieħor kif assenjat mid-Direttur.

REKWIŻITI TAL-IMPJIEG

3. Kwalifiki u esperjenza meħtieġa

A. Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-kandidati ser jiġu kkunsidrati eliġibbli għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin li għandhom jiġu ssodisfati sad-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:

- (a) Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma¹ meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun erba' snin jew aktar u, wara l-kisba tal-grad tal-università, tal-inqas eba' snin ta' esperjenza professjonali;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija. F'każ li jkun inħareġ ċertifikat ta' ekwivalenza, dan għandu jkun sar ukoll sal-iskadenza għall-applikazzjoni.

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma² meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tliet snin u, wara l-kisba tal-grad tal-università, tal-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali xierqa;

(b) Għarfien tajjeb ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti³ ta' lingwa oħra tal-UE⁴;

Barra minn hekk, sabiex il-kandidati jkunu eliġibbli għandhom:

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha bħala ċittadin/a⁵;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost fuqhom mil-ligijiet dwar is-servizz militari;
- Ikunu fiżikament b'saħħithom sabiex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga⁶.

B. Kriterji tal-għażla

Il-kandidati magħżula fuq il-bażi tal-kriterji tal-eliġibilità t'hawn fuq ser jiġu evalwati skont il-kriterji ta' għażla li ġejjin, li għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar fil-Europass CV tal-applikant.

Essenzjali

- Minimu ta' tliet snin esperjenza ta' xogħol miksuba f'pożizzjonijiet relatati mal-profil tal-kariga kif deskritt fit-taqsimha "Funzjonijiet u Dmirijiet";
- Minimu ta' sentejn esperjenza ta' xogħol f'istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-Unjoni Ewropea, organizzazzjonijiet nazzjonali u/jew internazzjonali;
- Għarfien eċċellenti tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u prijoritajiet stabbiliti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

² Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna

³ Il-livell ta' għarfien ikkunsidrat sodisfaċenti għat-tieni lingwa huwa B2 - Jekk jogħġbok irreferi għal <http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>

⁴ Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għall-ewwel promozzjoni tagħhom, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁵ Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula ser jintalbu jipproduċu dokument uffiċjali li juri li dawn ma għandhom l-ebda rekord kriminali.

⁶ Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula se jintalbu jagħmlu eżami mediku biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

- Esperjenza fil-koordinazzjoni tad-dossiers u fil-motivar tal-membri tat-tim biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti tagħhom;
- Sens ta' responsabbiltà u kunfidenzjalità billi jiġi żgurat li l-miri jintlaħqu abbażi ta' skedi ta' żmien miftiehma u li l-informazzjoni tiġi ttrattata b'mod sigur;
- Ġudizzju sod u abilità li jiġu stabbiliti prijoritajiet ibbażati fuq l-importanza u s-sensittività tal-kwistjonijiet kif ukoll il-ħila li jieħu inizjattiva meta titqies meħtieġa;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni, organizzattivi u interpersonali eċċellenti li jittrattaw il-livelli kollha tal-maniġment internament u esternament tal-organizzazzjoni;
- Ħiliet analitiċi qawwija, preċiżjoni u attenzjoni għad-dettall.

Ta' vantaġġ

Il-karatteristiċi li ġejjin se jrin jitqiesu bħala vantaġġi addizzjonali:

- Kmand tajjeb ħafna tal-Franċiż (livell C1 u aktar) jew kmand tajjeb ħafna tal-Ġermaniż (livell C1 u aktar);

SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-kandidati huma mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku permezz tas-sit web tal-Aġenzija: www.fra.europa.eu.
Applikazzjonijiet online **biss** ser jiġu aċċettati.

Applikazzjoni titqies ammissibbli **biss** jekk tinkludi:

- **CV f'format tal-Europass** (formati oħrajn mhumiex se jiġu kkunsidrati);
- **ittra ta' motivazzjoni** (preferibbilment mhux itwal minn paġna);
- **tabella tal-kriterji tal-eliġibilità u l-għażla** li għandha timtela kompletament

Informazzjoni rigward l-istatus tal-proċedura tal-għażla tista' tinstab fl-indirizz li ġej: <http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies>.

F'każ li tesperjenza problemi tekniċi matul l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja, fi ħdan l-iskadenza msemmija hawn fuq, l-indirizz elettroniku t'hawn taħt billi tipprovdi spjegazzjoni tal-kwistjoni: recruitment@fra.europa.eu.

SKADENZA

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn **23/04/2019 fis-13:00** (Ħin lokali ta' Vjenna).

Jekk jogħġbok kun af li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, is-sistema tista' ġġarrab problemi fl-ipproċessar ta' dawk l-ammonti ta' data meta tkun riesqa d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Għaldaqstant, nirrakkomandawlek tapplika ferm qabel id-data ta' skadenza.

OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-FRA tkegġeg lil kull persuna li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibiltà u li tkun interessata fil-pożizzjoni biex tapplika. Il-FRA hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u tinkoraġġixxi applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' sess, kulur, razza, orġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, nazzjonalità, età, orjentazzjoni sesswali jew identità sesswali.

Il-FRA tkegġeg lil kandidati b'diżabbiltà biex japplikaw. Jekk inti tqis lilek innifsek li għandek diżabbiltà fiżika, mentali, intellettuali jew sensorja, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa adegwata fuq l-applikazzjoni online u indika kwalunkwe aġġustament jew arranġament li jirrelata mad-diżabbiltà tiegħek, sabiex il-FRA tkun tista' tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tiegħek fl-intervista.

PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Kumitat tal-Għażla huwa nominat mill-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA.

L-eliġibbiltà tal-kandidati ser tiġi evalwata skont il-konformità mal-kriterji formali kollha sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (jekk jogħġbok ara Kriterji ta' eliġibbiltà 3.A.)

L-applikazzjonijiet tal-kandidati eliġibbli biss ser jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-għażla kif speċifikat fl-avviż tal-pubblikazzjoni (ara l-punt 3.B). **L-Aġenzija ser tistieden għal intervista l-aqwa 8 kandidati fost dawk li mill-inqas kisbu 60%.**

Il-proċedura tal-għażla ser tkun magħmulha minn intervista u parti bil-miktub. Iż-żewġ partijiet ser isiru bl-Ingliż. Din ser issir fi Vjenna (l-Awstrija), fejn l-Aġenzija għandha s-sede tagħha u fejn huwa l-post tal-impjieg.

Il-kandidati mistiedna għal intervista se jrin jintalbu jippreżentaw, fil-ġurnata tal-intervista, kopja mhux ċertifikata tad-diploma/diplomi u evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom, li tindika b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza tagħhom u jekk ix-xogħol huwiex full time jew part time. Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, il-kandidat/i magħżul/a ser jintalbu jagħtu lil FRA kopji oriġinali jew ċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tar-rekwiżiti tal-eliġibiltà.

Il-kandidati magħżula ser jiġu inklużi f'lista ta' riżerva mfassla mill-Kumitat tal-Għażla. Din il-lista ta' riżerva ser tiġi proposta lill-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA. L-Awtorità tal-Ħatra ser tiddeċiedi dwar l-istabbiliment fuq il-lista ta' riżerva. Din il-lista ta' riżerva ser tkun valida mid-data tal-istabbiliment tagħha (fis-sena "N") sal-31 ta' Diċembru

tas-sena "N+5". Il-validità tagħha tista' tiġi estiża. Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għal reklutaġġ futur, jekk jinħolqu postijiet vakanti. Kull kandidat ser jiġi infurmat b'ittra jekk ikunx/tkunx ġie/ġiet inkluż/a fil-lista ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fuq il-lista ta' riżerva ma tiggarrantixx ir-reklutaġġ.

Abbażi tal-lista ta' riżerva adottata, l-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA tista' toffri kuntratt ta' impjieg.

Jekk jogħġbok innota li l-ħidma tal-Kumitat tal-Għażla u d-deliberazzjonijiet huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprobit.

Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet, l-Aġenzija tinforma b'dispjaċir li l-kandidati magħżula għall-intervisti biss ser jiġu kkuntattjati. L-applikanti huma mistiedna li jsegwu l-proċess tar-reklutaġġ fuq is-sit web tal-FRA.

INGAĠĠ U KUNDIZZJONIJET TAL-IMPJIEG

Ser jingħata kuntratt ta' aġent temporanju f'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea għal perjodu indeterminat.

Il-kandidat magħżul ser jiġi reklutat fil-grad AD 6. Is-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AST 6 (Pass 1) huwa € **5,416.58**. Minbarra s-salarju bażiku, **il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, b'mod partikolari benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku u benefiċċju tal-unità domestika), benefiċċju tat-tfal dipendenti u benefiċċju tal-edukazzjoni.** Is-salarju huwa soġġett għal taxxa tal-Unjoni mnaqqsa mis-salarju inizjali u huwa eżentat mit-taxxa nazzjonali.

Il-FRA toffri wkoll pakkett ta' **bennesseri soċjali komprensiv**, inkluża skema tal-pensjoni, kopertura tal-assigurazzjoni medika, kontra l-mard u inċidenti kkaġunati mix-xogħol, benefiċċji għall-qgħad u l-invalidità, u assicurazzjoni tal-ivvjaġġar;

Barra minn hekk, il-FRA toffri opportunitajiet differenti ta' **servizzi ta' taġġlim** permezz ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz ma' skejjel internazzjonali u stabbilimenti ta' qabel l-iskola, u introduċiet politiki dwar **it-telexogħol u l-ħin flessibbli** fl-isforzi tagħha biex tirrikonċilja x-xogħol u l-ħajja privata.

F'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari fejn il-membri tal-persunal huma obbligati jbiddu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jassumu l-impjieg, l-Aġenzija tista' tirrimborsa diversi spejjeż imġarrba fir-reklutaġġ, notevolment l-ispejjeż ta' ġarr.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali u Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

<http://eur->

[lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:EN:PDF](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:EN:PDF)

PROTEZZJONI TAD-DATA

Id-data personali għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla.

Jekk jogħġbok kun af li l-FRA mhijiex ser trodd lura l-applikazzjonijiet lill-kandidati. L-informazzjoni personali li l-FRA titlob mill-applikanti ser tiġi pproċessata b'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

Jekk il-kandidat ikollu xi mistoqsijiet rigward l-ipproċessar tad-data personali tiegħu/tagħha, jista'/tista' jibgħathom/tibgħathom fuq l-indirizz li ġej:
recruitment@fra.europa.eu.

Għal aktar informazzjoni rigward l-ipproċessar ta' data personali, jekk jogħġbok ara [Dikjarazzjoni ta' Privatezza tal-FRA](#).

PROĊEDURI TA' APPELL

Jekk kandidat jikkunsidra li hu/hi jkun/tkun ġie/t affetwat/a f'ħażin minn deċiżjoni partikolari, hu/hi jista'/tista' jippreżenta/tippreżenta lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

The Director

European Union Agency for Fundamental Rights
Schwarzenbergplatz 11
A-1040 Vienna
L-Awstrija

L-ilment irid jitressaq fi żmien 3 xhur. Il-limitu taż-żmien għall-bidu ta' din it-tip ta' proċedura jibda minn meta tiġi ppubblikata t-tlestija tal-proċedura tal-għażla fuq is-Sit web fil-link li ġejja: <http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies>.

Jekk l-ilment jiġi rifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kandidat jista' jiftaħ kawża quddiem:

The European Union Civil Service Tribunal
Rue du Fort Niedergruenewald
L-2925 Il-Lussemburgu



Barra minn hekk, għandek il-possibbiltà li tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman. Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jaċċetta lment, huwa neċċessarju li l-ilment, l-ewwel jiġi indirizzat lill-Aġenzija. Kwalunkwe lment lill-Ombudsman għandu jsir fi żmien sentejn minn meta tirċievi l-pożizzjoni finali tal-Aġenzija dwar il-kwistjoni. (<http://www.ombudsman.europa.eu>)